**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 447/2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Louise Calleja)**

**vs**

**Omissis**

Illum is-27 ta' April 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Omissis quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) akkużat talli fis-sena 2012, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. B' għemil żieni kkorrompa il-minuri AB, AC, AD u AE, liema delitt sar minn axxendent mid-demm u liema delitt sar bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-eta' ta' tnax-il sena;

2. Ikkommetta attentat vjolenti għal pudur fuq l-istess minuri AB, AC, AD u AE;

3. Ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma'l-istess minuri AB, AC, AD u AE.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' Novembru 2021 fejn il-Qorti iddikjarat u iddeċidiet illi l-akkużi fil-konfront tal-imputat Omissis kienu inammissibbli fil-fatt u fid-dritt u għalhekk illiberatu minn kull akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali minnu ppreżentat fis-16 ta' Diċembru 2021 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata li permezz tagħha l-akkużi fil-konfront tal-appellat ġew iddikjarati bħala inammissibbli fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement l-appellat ġie illiberat erronjament, u minflok tgħaddi biex issib ħtija u tinfliġġi piena skont il-liġi, *occorendo* wara li tieħu kont tar-rapporti tal-esperti fuq imsemmija.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Ġenerali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Avukat Ġenerali hassu aggravat mis-sentenza ta'l-Ewwel Qorti li lliberat lill-appellat mill-akkużi lilu addebitati meta qieset li dawn kienu insostenibbli kemm fil-fatt u fid-dritt għar-raġuni illi l-appellat kien *doli incapax* fil-mument tal-kummissjoni ta'l-istess. Jilmenta illi l-Ewwel Qorti erronjament għaddiet biex teżenta lill-appellat mir-responsabbilta' kriminali meta straħet fuq id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 35 u 37(1) tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar il-minuri ta' taħt is-sittax-il sena li jwettqu egħmil

kriminuż mingħajr ħażen, u dan meta l-appellat kien bniedem adult ta' disgħa u għoxrin (29) sena. Illi, fil-fehma ta'l-Avukat Ġenerali, l-opinjoni tal-esperti psikjatriċi nominati mill-Ewwel Qorti li wasslu għal konklużjoni li l-appellat huwa bniedem li jbati minn ritard mentali u għandu l-eta' mentali ta' tifel ta' ħdax-il sena u ħames xhur, ma jwassalx sabiex huwa jibbenefika mill-eżenzjoni li titkellem dwarha l-artikolu 37 tal-Kodiċi Kriminali, billi huwa qatt ma jista' jkun meqjus f'għajnejn il-liġi bħala minuri. Lanqas fil-fehma tal-Avukat Ġenerali ma setgħat l-Ewwel Qorti tasal biex teżenta lill-appellat mill-ħtija abbażi ta'l-artikolu 33, billi ma jistax jingħad li l-appellat ibati minn stat ta' ġenn minħabba l-kundizzjoni mentali tiegħu stante li l-istess esperti psikjatriċi wasslu għal konklużjoni illi l-appellat mhuwiex miġnun fit-termini tal-liġi, huwa kapaċi jiddistingwi bejn it-tajjeb u il-ħażin u jifhem l-konsegwenza ta' għemilu. Jikkritika s-sentenza appellata fejn din skartat l-istqarrija rilaxxata mill-imputat lil pulizija billi ma kellux avukat jassistieh waqt l-interrogatorju. Iqies li din l-istqarrija ittieħdet skont il-liġi, tant illi meta l-appellat tressaq il-Qorti u kien debitament assistit tul il-proċeduri huwa qatt ma qanqal il-kwistjoni dwar l-inammissibilita' ta'l-istqarrija tiegħu, anzi rreġistra ammissjoni għall-akkużi lilu addebitati, liema ammissjoni baqgħet ma ġietx iritirata anke wara li l-esperti psikjatriċi kienu ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom.

Illi l-Qorti eżaminat l-atti tal-kawża minn fejn jemerġi proċess ġudizzjarju li kien iffukkat unikament fuq indaġini dwar il-kapaċita' intellettiva tal-imputat, appellat f'dawn il-proċeduri, fiż-żmien meta huwa allegatament ikkometta r-reati li dwarhom kien mixli. Dan seħħ wara li l-appellat ammetta għall-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati mal-preżentata, liema ammissjoni kienet minnu rikonfermata fl-ewwel seduta tad-19 ta' Ġunju 2013. Wara dan id-difensur tal-imputat talab li jitħejja *pre-sentencing report* u l-imputat/appellat tqiegħed taħt Ordni ta' Trattament fit-termini tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali.

Illi mir-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler[1] jemerġi illi għalkemm l-appellat kien irreġistra ammissjoni, kif ingħad, madanakollu meta mitkellem mill-imsemmi Uffiċjal, huwa ċaħad illi qatt abbuża sesswalment mill-erba' neputijiet tiegħu u stqarr illi ammetta kemm fl-istqarrija li rrilaxxa lil pulizija meta kien interrogat, kif ukoll fil-qorti għaliex beża'u għaliex l-avukat kien tah parir jammetti għal dak li kien qed jiġi mixli. Wara dan ġie ippreżentat fl-atti l-*proces verbal* marbut mal-*in genere* fejn hemmhekk jinstab ir-rapport tal-esperti nominati mill-Inkwirenti, il-psikjatra Dr. Mark Xuereb u l-psikoterapista Marica Busietta, li wara li kellmu lil minuri u lil partijiet l-oħra ikkonċernati u fdati bil-kura ta' dawn il-minuri, jasslu għal konkluzjoni illi l-minuri sofrew l-allegat abbuż minn taħt idejn zijuhom, l-appellat Omissis. Illi abbażi ta' dawn il-konkluzjonijiet l-Inkwirenti kienet għalhekk ordnat li jiġu istitwiti proċeduri kriminali kontra l-appellat.

Issa jirriżulta mill-atti li għalkemm kien inħareġ Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-appellat, ma kien ġie maħtur ebda psikjatra mill-Ewwel Qorti, iżda fuq inizjattiva tal-Uffiċjal tal-*Probation*, l-appellat beda jieħu l-kura taħt il-Psikjatra Dr. Joe Cassar u il-psikologa Dr. Cynthia Bonnici. Meta jagħtu x-xiehda tagħhom dawn il-professjonisti jinfurmaw lil Qorti li l-appellat ibati minn ritard mentali bi kwozjent ta' intelliġenza ta' 66 fuq il-*Wechsler Adult Intelligence Scale (WAIS)*[2], kif ukoll b'anzjeta u bil-kundizzjoni tad-*dysthymia* jew 'l hekk imsejjħa *mild depressive disorder*.

Illi fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2017, u dan wara li l-partijiet kienu għalqu il-provi tagħhom, l-Ewwel Qorti innutat illi l-Ordni ta' Trattament qatt ma kien daħal fis-seħħ u għalhekk inħatar Dr. Jean Pierre Giorgio bħala psikjatra biex isegwi lill-appellat u jħejji pjan ta' trattament. L-espert psikjatriku jixhed fis-seduta tat-03 ta' Diċembru 2018 fejn jinforma lill-Ewwel Qorti illi l-appellat ibati minn diżabilita' intelletwali bi

[1] Eżebit folio 24 et seq. tal-atti

[2] Ara rapporti eżebiti Dokument JC1 a fol. 107 u Dokument CB1 a fol.128

kwozjent ta' intelliġenza ta' 66 ekwivalenti fl-iżvilupp intelletwali u konjittiv ma' dak ta' tifel ta' madwar tnax-il sena. Mal-psikjatra Degiorgio, l-appellat reġa' nnega li kien abbuża min-neputijiet tiegħu.

Fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet, l-imputat/appellat iressaq rikors fid-29 ta' Awwissu 2019[3] fejn jitlob illi l-Ewwel Qorti tiddeċiedi jekk:

> **"1. L-esponent ma kellux il-*capacita di intendere e di volere*.**
> **2. Li l-istqarrija mogħtija mill-esponent m'għandiex titqies bħala prova fil-konfront tiegħu....**
> **3. Tiskarta l-ammissjoni tiegħu li m'għandiex tintuża fil-konfront tiegħu minħabba dak hawn fuq premess u billi huwa kien persuna vulnerabbli."**

Illi bi tweġiba għal dawn it-talbiet il-Prosekuzzjoni fir-risposta minnha ippreżentata għar-rikors tal-imputat tallbet sabiex "**jiġi nominat tim ta' esperti indipendenti u imparzjali fil-qasam tal-psikoloġija klinika u psikjatrija li huma wkoll esponenti fil-qasam mediko-legali u dan sabiex jagħmlu l-eżamijiet tagħhom biex jiġi stabbilit jekk fil-fatt, meta seħħ l-allegat reat, l-imputat kienx konxju jew le tal-azzjonijiet tiegħu li kienu jmorru kontra l-liġi. Kif ukoll jekk l-istqarrija tiegħu li rrilaxxa lill-pulizija kif ukoll l-ammissjoni fil-Qorti humiex ammissibbli**.[4]" Dan bil-għan li jiġi stabbilit jekk fil-konfront tal-imputat għandhomx japplikaw id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' jekk kienx fi stat ta' ġenn għal finijiet tal-liġi.

Billi d-difiża qabblet mat-talba magħmula mill-Prosekuzzjoni għal ħatra ta' esperti, il-Qorti għaddiet biex ħatret lil Dr. Nigel Camilleri, Dr. Maria Axiaq u lil Psikologa Veronica Ellul Federici sabiex "**jagħtu l-konkluzjonijiet tagħhom għar-rigward il-mens rea/eta' tal-imputat.**[5]" Illi b'digriet tat-02 ta' Novembru 2020, Dr. Rachel Taylor

---

[3] Folio 182 et seq tal-proċess

[4] Ara risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol. 182 et seq

[5] Ara verbal tas-seduta tas-16 ta' Diċembru 2019 fol.199

East issostitwiet lil Dr. Maria Axiaq u dan wara li din ta'l-aħħar infurmat lill-Ewwel Qorti, permezz ta' nota mdaħħla fl-istess jum, illi hija ma setatx tespleta l-inkarigu lilha mogħti. Finalment it-tlett esperti jippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom[6] fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2021 fejn jikkonkludu li l-appellat ibati minn problemi mediċi u ukoll minn diżabilita' intelletwali u huwa persuna vulnerabbli. Jikkonkludu illi l-kapaċita' intellettiva tiegħu hija baxxa bi kwozjent ta' intelliġenza ekwivalenti għal dik ta' tifel ta' ħdax-il sena u ħames xhur. Dan magħdud, madanakollu, kienu tal-fehma illi l-appellat ma ibati minn ebda mard mentali u ma jenħtieġ ebda kura billi "***he is not suffering from any acute mental illness and is coping well in society.***"

Wara li jiġi ppreżentat dan ir-rapport u wara li jsiru is-sottomissjonijiet bil-miktub mill-partijiet, l-Ewwel Qorti ħalliet ir-rikors tal-imputat għad-digriet fuq dak minnu mitlub, iżda għal xi raġuni li ma tirriżultax mill-atti, minflok ma jingħata l-imsemmi digriet, il-Qorti għaddi sabiex tagħti sentenza li permezz tagħha tillibera lill-appellat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan għaliex tqis illi dawn huma "**inammissibbli fil-fatt u fid-dritt**."

Illi minn qari tas-sentenza appellata jidher illi l-Ewwel Qorti għaddiet biex tiddikjara l-azzjoni penali bħala waħda inammissibbli għaliex kienet tal-fehma illi ġaldarba l-eta' mentali tal-appellat kienet dik ta' tifel ta' ħdax-il sena u ħames xhur allura huwa kellu jibbenefika mill-eżenzjoni penali imfassla fl-artikoli 35 u 37 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi eżaminati l-atti probatorji, l-Qorti mal-ewwel tosserva li l-*iter* proċesswali li segwa dan il-każ ma kienx wieħed konformi mal-liġi. Jibda biex jingħad illi l-Ewwel Qorti qatt ma iddekretat ir-rikors tal-imputat tad-29 ta' Awwissu 2019 u, għalkemm fil-verbal tas-seduta tad-29 ta' Novembru 2021 hemm iniżżel li, '**Ingħata digriet**', madanakollu l-Ewwel Qorti ipproċediet biex tagħti sentenza li permezz tagħha illiberat lill-appellat

[6] Dokument RTE1 a fols. 230 et seq tal-atti

mill-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu. Dan qed jingħad għaliex l-appellat kien irreġistra ammissjoni meta il-Qorti tal-Maġistrati kienet għadha qed tokkupa il-funzjoni ta' Qorti Istruttorja. Wara tali ammissjoni dik il-Qorti saret kompetenti biex tiddeċiedi l-każ. Jidher madanakollu, minn qari tas-sentenza appellata, illi l-Ewwel Qorti kienet tal-ħsieb illi għalkemm l-imputat kien stqarr li kien ħati, madanakollu fid-dawl tar-risultanzi proċesswali Hija ma setatx toqgħod fuq dik l-ammissjoni u għalhekk warrbitha. Meħuda din id-deċizjoni allura, l-Ewwel Qorti ma setatx taqbad u tgħaddi għas-sentenza, iżda minn hawn kellha tiskatta il-proċedura imfassla fl-artikolu 392A(3) tal-Kodiċi Kriminali li jikkontempla tali sitwazzjoni meta hemm hekk dispost:

> **Iżda, meta jkun hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat, il-qorti għandha, għalkemm l-akkużat ikun stqarr li hu ħati, tordna li l-proċeduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem, bħallikieku l-akkużat ma weġibx li hu ħati.**

Dan evidentement ma seħħx bl-Ewwel Qorti tgħaddi għas-sentenza, kif ingħad, minflok ipproċediet bil-kumpilazzjoni tal-provi fejn hemmhekk allura irid jiġi stabbilit jekk l-imputat kienx *doli incapax*. Illi allura f'dak l-istadju, skartata l-ammissjoni ta'l-imputat, il-Qorti ma kenitx aktar kompetenti tiddeċiedi il-każ stante illi fit-termini ta'l-artikolu tal-liġi hawn fuq iċċitat kellha tirreverti lura f'Qorti Istruttorja, billi l-akkużi kienu jeżorbitaw il-kompetenza oriġinali ta' dik il-Qorti, u mhux tipproċedi aktar bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Illi din il-Qorti għalhekk għandha idejha marbuta u ma tistax ħlief tannulla *ex officio* s-sentenza ta'l-Ewwel Qorti u fit-termini ta'l-artikolu 428(1) tal-Kodiċi Kriminali tibgħat lura l-atti lil qorti kompetenti sabiex tipproċedi mill-ġdid mill-mument illi ġiet moqrija l-akkuża kontra l-imputat.

Illi, mingħajr ma tinoltra ruħa fil-mertu tal-kawża u dan sabiex ma tippreġudikax lill-appellat mill-benefiċċju tad-*doppio esame*, il-Qorti tħoss li għandha tirrimarka li l-Ewwel Qorti errat ukoll meta applikat favur l-appellat l-eżenzjoni stabbilita fl-artikoli 35 u 37 tal-Kodiċi Kriminali u dan stante illi l-appellat ma jistax jitqies illi huwa minuri f'għajnejn il-liġi, għalkemm fil-kamp tal-psikjatrija jista' jitqies bħala tali. Illi l-kliem

adoperat mill-leġislatur meta fassal dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi huwa ċar, fis-sens illi dawn għandhom japplikaw biss u unikament fil-konfront ta' tfal minuri u mhux fil-konfront ta' persuni adulti, għalkemm il-kapaċita' mentali tagħhom tista' titqies bħala dak ta' minuri. Illi fil-fatt it-test tal-artikolu 35 jibda b'dan il-preambolu:

> **"Bla ħsara għas-setgħat tal-Ministru taħt l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) u għal kull liġi oħra li minn żmien għal żmien tkun tipprovdi dwar miżuri ta' protezzjoni, għajnuna, ħarsien u edukazzjoni ta' persuni minorenni ...."**

Bil-liġi tkompli billi timponi ċertu obbligi u dmirijiet fuq il-ġenitur jew persuna oħra li jkollha d-dmir tat-trobbija tal-minuri, biex b'hekk huwa indubitat illi taħt din l-eżenzjoni ma jaqgħux il-fattispeċje ta' dan il-każ.

Dak li kellu jiġi stabbilit kwindi fil-każ taħt il-lenti tal-Qorti huwa il-presenza jew l-assenza tal-kapaċita' tal-awtur tar-reat li jiddistingwi bejn it-tajjeb u l-ħażin fil-mument tal-kummissjoni tar-reat. Fil-fatt anke fil-każ tal-eżenzjoni maħsuba fl-artikolu 33 tal-Kodiċi Kriminali, mhux kull stat ta' ġenn jwassal lil persuna akkużata tibbenefika minnha, iżda biss dak l-istat ta' ġenn fis-sens legali billi jrid neċessarjament jiġi ippruvat li l-akkużat ma kienx jaf x'qed jagħmel u li dak li kien qed jagħmel kien ħażin. U allura għalkemm il-kapaċita' mentali tal-appellat setgħat kienet waħda afflitta minn xi forma ta' diżabilita', dan ma jeżentahx awtomatikament mir-reponsabbilta' penali sakemm ma jiġix ppruvat li huwa ma kienx konxju tal-fatt illi dak li kien qed jagħmel, b'referenza għall-aġir inkriminatorju minnu kommess, u mhux fl-astratt, kien moralment żbaljat u kontra l-liġi. Illi huwa minnu li l-Ewwel Qorti kienet rinfaċċjata b'persuna b'kapaċita' intelletwali ta' tifel, u li ma kienx afflitt minn ebda mard mentali, fejn allura strettament jista' jkun li ma jaqa' taħt ebda waħda mid-diżposizzjonijiet tal-liġi imħaddna fit-Titolu II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar "Il-Volonta' u l-Eta' tal-Ħati".

Illi l-Professur Mamo fin-noti tiegħu fil-fatt jitkellem dwar il-kunċett ta' dritt li jeżisti fis-sistema kontinentali, iżda mhux dik Maltija ta' l hekk imsejjaħ '*semi-responsibility*' jew '*diminished responsibility*':

> ***"It is well known that there is no clear-cut line between the sane and the insane. The two grade into each other as day passes into night, and between the two extremes are certain twilight conditions, not serious enough to render the victim irresponsible for crime not even to require his confinement as an insane person in a mental hospital, but nevertheless rendering him incapable of sound, calm judgment, especially under the conditions of stress at which crime may be resorted to.***
>
> ***These borderline types of mental unsoundness are sometime referred to as partial insanity, which term, in connection with the subject we are now discussing means a mental impairment which is not so complete as to render its victim wholly irresponsible for his criminal acts.***
>
> ***Now it has been sometimes argued that these border line cases of mental unsoundness, though not sufficient to come within the total exemption from criminal responsibility, should neveretheless serve as an extenuation of responsibility and reduce the punishment. These individuals, it is said, may not be incapable of understanding the wrongfulness of their acts or of controlling their impulses, but they are less capable of doing so than normal persons, and the law should make allowance for this deficiency by punishing them less harshly that normal offenders.***

Illi għalkemm il-mediċina psikjatrika illum għamlet avvanzi kbar miż-żmien li kien qed jikteb il-kompjant Professur Mamo, madanakollu ma saret ebda bidla fil-liġi sabiex jiġi ntrodott dan il-kunċett ta' *diminished responsibility* applikabbli għal dawk il-persuni adulti, li għalkemm ma humiex afflitti minn ebda mard mentali, madanakollu ibatu minn kundizzjonijiet oħra li jistgħu jaffettwawlhom il-kapaċita mentali tagħhom f'għajnejn il-liġi. Żgur, madanakollu, illi l-artikoli 35 u 37 tal-Kodiċi Kriminali ma jistgħux jiġu reżi applikabbli meta l-persuna akkużata hija adulta u mhux tal-eta' indikata fl-imsemmija disposizzjonijiet tal-liġi. Kwindi l-Ewwel Qorti errat, meta minflok iddeċidiet ir-rikors tal-imputat tad-29 ta' Awwissu 2019, għaddiet għas-sentenza fejn skartat l-ammissjoni reġistrata mill-appellat u iddeċidiet il-każ meta ma kellhiex iktar il-kompetenza tagħmel dan. Errat ukoll, fil-fehma tal-Qorti, meta applikat

favur l-appellat id-disposizzjonijiet tal-artikoli 35 u 37 tal-Kodiċi Kriminali u għaddiet biex abbazi tal-istess eżentatu mir-reponsabbilta' penali meta dawn id-diżposizzjonijiet tal-liġi ma kenux isibu applikazzjoni għal fattispeċje tal-każ odjern.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi, wara li rat l-artikolu 428(1) tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara s-sentenza appellata nulla u bla effett fil-liġi, tirrimanda l-atti lura lil Qorti tal-Maġistrati sabiex tipproċedi skont il-liġi.

Edwina Grima

Imhallef